26 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmel Farrugia

**Riskji tat-Terzi Persuni — Polza tas-Sigurtà — Sospensjoni tal-Liċenza tas-Sewqan — "Special Reasons" — Art. 3(2) tal-Ordinanza XXXVI tal-1939**

*Iż-żmien għall-iskwalifika milli wieħed ikollu liċenzi tas-sewqan għax ikun ippermetta persuna oħra tagħmel użu minn karrozza tiegħu mingħajr polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji tat-terzi persuni huwa ta' sena jew aktar, ammenokkè ma jkunx hemm "special reasons" biex il-Qorti timmitiga d-durata ta' dik l-iskwalifika.*

*Mhux "special reason" il-fatt li dik l-iskwalifika tkun sejra tikkaġuna telf lil min jiġi hekk skwalifikat. Dak li jissejjaħ "financial hardship" ma hux "special reason".*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Farrugia quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Belt, fit-3 ta' Awissu 1956, f'xi l-11.50 a.m., ippermetta lil Robert Menzies, R.N., li jagħmel użu minn taxi-car binnumri mhux skond ir-regolamenti, u jsuq l-istess mingħajr liċenza speċjali tas-sewqan u mingħajr il-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza XXXVI tal-1939;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenzi tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew iżjed skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Novembru 1956, li sabet lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni li

ppermetta lil Robert Menzies li jagħmel użu minn taxi-car bin-numri mhux skond ir-regolamenti, u għalhekk illiberatu minnha; iżda sabet l-imputat ħati talli ppermetta lill-istess Menzies jagħmel użu mill-istess vettura meta dan ma kellux "special driving licence" biex isuqha, u għalhekk, bħala konsegwenza, mingħajr it-Third Party Policy jew il-garanzija dwar riskji ta' terzi persuni, u fil-ħin li ddikjarat it-tieni imputazzjoni assorbita fit-tielet, li hija ta' natura iżjed gravi, ikkundannatu jħallas £5 multa, u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni liċenzi tas-sewqan żmien tnax il-xahar;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Farrugia, li biħ appella middeċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat. In subordine, talab li l-piena tiġi mitigata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Mid-dibattitu quddiem din il-Qorti jidher li l-appell sar pjuttost biex tiġi mitigata l-piena tal-iskwalifia;

Issa, iż-żmien tal-iskwalifika, ammenokkè ma jkunx hemm "special reasons", għandu jkun kif mogħti millMaġistrat, ċjoè ta' tnax il-xahar;

Din il-Qorti ma ssib ebda "special reason" f'dan il-każ. L-imputat għamel dak li għamel fil-pjena konoxxenza li kien qiegħed jikser il-liġi. Xejn ma kien jimpedieħ li jirrifjuta li jagħti l-karrozza lil Menzies. Ingħad mid-difensur li l-iskwalifika sejra tikkaġuna telf lill-appellant. Issa, din il-frażi "special reasons" ġejja mill-liġi ngliża "in pari materia", u għalhekk hu utili li wieħed jara x'ġie ritenut in propożitu mill-Qrati Ingliżi;

Fil-kawża Whittall v. Kirby, (1946), All E.L. Rep. 552,

111, J.P. 1, iċ-Chief Justice Lord Goddard irrespinġa dan il-mezz defensionali, u qal hekk:— "That in many cases serious hardship will result to a lorry driver or private chauffeur from the imposition of a disqualification is, no doubt, true; but Parliament has chosen to impose this penalty, and it is not for the Courts to disregard the plain provisions of an Act of Parliament merely because they think that the action that Parliament has required them to take in some cases causes some, or it may be, considerable hardship. Had Parliament intended that special consideration was to be shown to professional drivers or first offenders, they would have so provided......" Dak li jissejjaħ "financial hardship", għalhekk, ma hux "special reason";

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sospensjoni tibda minn nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 1957.